

Brussell, 21 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16325/22

ECOFIN 1373
FIN 1382
COEST 938
RELEX 1768
NIS 41
UEM 359

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 20 ta' Diċembru 2022

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2022) 9702 final

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 19.12.2022 li tistabbilixxi l-qafas għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ġestjoni tad-dejn tal-UE fl-2023 skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2022) 9702 final.

Mehmuż: C(2022) 9702 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.12.2022
C(2022) 9702 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 19.12.2022

**li tistabbilixxi l-qafas għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ġestjoni tad-dejn tal-UE fl-
2023 skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata**

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 19.12.2022

li tistabbilixxi l-qafas għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u għestjoni tad-dejn tal-UE fl-2023 skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 220a tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom², u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)³, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2022) 9700⁴ jipprevedi l-adozzjoni ta' deċiżjoni qafas dwar is-self li tistabbilixxi l-limiti massimi għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u għall-operazzjonijiet ta' għestjoni tad-dejn, kif implimentati permezz tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata stabbilita f'konformità mal-Artikolu 220a tar-Regolament 2018/1046, li għandhom ikopru perjodu ta' sena kalendarja waħda. Abbażi ta' dan, huwa neċessarju li tiġi adottata deċiżjoni qafas dwar is-self għall-2023.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9700 tistabbilixxi strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala l-mezz biex jiġu ffinanzjati programmi ta' assistenza finanzjarja u t-teħid b'self awtorizzat skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053. Tippredvi li l-istrumenti ta' teħid b'self skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata għandhom jinkludu taħlita ta' bonds fuq terminu twil u finanzjament fuq terminu qasir fil-forma ta' Kambjali tal-UE jew linji ta' kreditu. L-operazzjonijiet ta' teħid b'self minn issa 'l quddiem se jiġu organizzati bħala rkanti,

¹ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

² ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

³ ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2022) 9700 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' għestjoni tad-dejn tal-UE skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata u operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati.

tranżazzjonijiet sindakati, pjazzament privat skont liema format ikun l-aktar xieraq fid-dawl tad-daqs u n-natura tal-operazzjoni.

- (3) Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-limiti massimi għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timplimenta operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn. Huwa neċessarju li jiġu ffixxati limiti għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self sabiex jiġu stabbiliti limiti ċari għall-ammont ta' finanzjament fuq terminu twil u fuq terminu qasir. B'mod partikolari, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-volum tal-operazzjonijiet li għandhom jitwettqu jkun allinjat mal-iżborżi pjanati skont il-programmi rilevanti. Dan huwa importanti biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-fondi ma jkunux disponibbli biex jippermettu l-iżborżi fil-ħin jew sitwazzjonijiet fejn ammonti kbar ta' finanzjament eċċessiv jiġu akkumulati ħafna qabel l-iżborżi.
- (4) Għaldaqstant huwa meħtieġ li tiġi ffixxata firxa għall-ammonti massimi ta' finanzjament fuq terminu twil u fuq terminu qasir, il-maturità medja tal-finanzjament fuq terminu twil tal-Unjoni u limitu għall-ammont għal kull ħruġ.
- (5) Jenħtieġ li l-ħtiġijiet ta' finanzjament, tul iż-żmien, jiġu ssodisfati permezz tal-ħruġ ta' strumenti ta' finanzjament fuq terminu twil. Jenħtieġ li l-ammont massimu ta' finanzjament fuq terminu twil għall-2023 ikun ibbażat fuq l-ammonti kkomunikati mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-programm lid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit f'konformità mal-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9700. L-ammonti massimi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jirriflettu l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni.
- (6) Il-ħtiġijiet ta' finanzjament huma xprunati mill-iskeda ta' żborżi skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2022/2463 jawtorizza lill-UE tiżborża sa EUR 18-il biljun fil-forma ta' self b'termini konċessjonali ħafna lill-Ukrajna matul l-2023. L-UE se tiġbor dan l-ammont permezz tal-ħruġ ta' dejn, li huwa inkluż fil-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-2023.
- (7) Fl-2023, ir-rikavati destinati għall-iżborż lill-Istati Membri skont l-RRF se jiġu stabbiliti abbażi ta' valutazzjonijiet tal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali. Għaldaqstant, l-ammonti preċiżi u ż-żmien preċiż tal-iżborżi tal-RRF għandhom isiru mill-NGEU lill-Istati Membri skont l-RRF mhux se jkunu prevedibbli għalkollox. Dan se jirriżulta f'xi inċertezza fid-distribuzzjoni tal-iżborżi fl-2023 u jista' jaffettwa l-livell ta' żborż totali annwali kumplessiv previst.
- (8) Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet li temenda r-Regolament RRF biex tinkludi kapitoli dwar ir-REPowerEU bil-għan li tiġi eliminata gradwalment id-dipendenza tal-Ewropa mill-fjuwils fossili Russi. Għaldaqstant, l-ammonti li għandhom jiġu distribwiti bħala self mill-RRF matul l-2023 jistgħu jizjeddu biex jippermettu l-iżborż ta' self lill-Istati Membri għal investimenti fid-diversifikazzjoni tal-enerġija taħt l-inizjattiva REPowerEU, inkluż il-prefinanzjament possibbli tal-pagamenti. Dan il-programm jinsab fl-istadji finali tal-adozzjoni mill-awtorità leġiżlattiva fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Fil-kuntest tal-inizjattiva REPowerEU, u soġġetti għall-verżjoni finali tar-Regolament RRF kif emendat, l-għotjiet u s-self tal-RRF jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal prefinanzjament, u b'hekk jiġġeneraw ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali għal dawk previsti f'din id-deċiżjoni.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.02.2021, p. 17).

Għaldaqstant, l-ammonti massimi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jista' jkollhom bżonn jiġu emendati abbażi tar-Regolament RRF kif emendat wara l-inizjattiva REPowerEU, u abbażi tal-ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali possibbli li jirriżultaw minnha.

- (9) Abbażi ta' dan, huwa xieraq li jiġi ffixxat l-ammont ta' finanzjament fuq terminu twil ta' sa EUR 170 biljun, li jirrifletti l-previżjonijiet attwali għall-ammonti li għandhom jiġu żborżati lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-RRF u l-finanzjament ipprogrammat tal-NGEU għall-politiki tal-Unjoni kif previst mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094⁶ u l-appoġġ lill-Ukrajna li dan l-aħħar intlaħaq ftehim dwaru skont ir-Regolament (UE) 2022/2463. Minħabba li l-iżborż lill-Ukrajna huwa kundizzjonali, fost l-oħrajn, fuq id-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar faċilità ta' self, huwa xieraq li l-ammont korrispondenti jiġi sospiż temporanjament.
- (10) Minbarra l-ħruġ ta' bonds b'terminu twil, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9700 tipprevdi wkoll il-ħruġ ta' finanzjament fuq terminu qasir sabiex tippovdi flessibbiltà fl-immaniġġar tal-kapaċità ta' finanzjament tal-EU.
- (11) Jenħtieġ li l-finanzjament fuq terminu qasir ikun irranġat b'mod li jippermettilu jkollu rwol siewi fl-implimentazzjoni tal-ġestjoni prudenti tal-likwidità, li jippermetti li l-Kummissjoni tissodisfa l-impenji kollha ta' żborż b'mod kosteffiċjenti u f'waqt. Jenħtieġ ukoll, fejn ikun xieraq, li l-ħruġ ta' karta ta' terminu qasir, u l-kapaċità ta' parteċipazzjoni fi strumenti tas-suq monetarju garantiti u mhux garantiti, jipprovdu sostitut temporanju attraenti għal operazzjonijiet ta' finanzjament fuq terminu twil meta l-kundizzjonijiet tas-suq ikunu inqas ta' appoġġ għall-ħruġ ta' bonds. Jenħtieġ li l-ammont pendenti massimu ta' finanzjament fuq terminu qasir ikun ibbażat fuq id-daqs tar-riżerva ta' likwidità mistennija li hija meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-kapaċità bla xkiel u kontinwa biex isiru l-pagamenti kollha. Abbażi ta' valutazzjoni konservattiva tal-ħtiġijiet ta' likwidità, li jirriskjaw li jkunu ogħla fl-istadji inizjali tal-finanzjament tal-NGEU, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu massimu ta' EUR 60 biljun ta' finanzjament fuq terminu qasir, inkluż f'xenarju ta' kundizzjonijiet ħżiena tas-suq.
- (12) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 9700 tirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-ammont pendenti massimu għal kull ħruġ li jirrifletti r-riskju tal-konċentrazzjoni fil-maturità. Dan il-limitu huwa meħtieġ biex jgħin biex tiġi evitata l-konċentrazzjoni ta' wisq dejn li jimmatura f'mument partikolari fil-futur, u b'hekk joħloq pressjoni fuq il-kapaċità tal-baġit tal-Unjoni li jħallas lura d-dejn. Għaldaqstant dan huwa parametru importanti fl-ipprogrammar ta' ripagament bla xkiel u kostanti tad-dejn tal-EU maż-żmien. Fl-istess ħin, sabiex jiġi ffaċilitat ir-riċeviment tajjeb tal-operazzjonijiet ta' finanzjament fuq terminu twil tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-maturità massima għal kull ħruġ tkun għolja biżżejjed biex tiffavorixxi l-likwidità tat-titoli tad-dejn tal-Unjoni, li jwassal għal ħruġ bi spejjeż possibbli aktar baxxi billi jattira l-interess ta' aktar investituri.
- (13) Għaldaqstant huwa xieraq li jinżamm ammont massimu għal kull ħruġ ta' EUR 20 biljun, ibbażat fuq xenarju konservattiv biżżejjed biex jiżdied it-total ta' EUR 170 biljun.
- (14) Jenħtieġ li l-maturità medja massima tal-finanzjament fuq terminu twil tiżgura biżżejjed flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-programmi koperti mill-istrateġija ta' finanzjament diversifikata sabiex tattira d-domanda tal-investituri filwaqt li tirrispetta

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 4331, 22.12.2020, p. 23).

l-limiti marbuta mal-kapaċitajiet baġitarji biex isostnu l-obbligazzjonijiet kontinġenti. Filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet attwali tas-suq, l-interess mill-investituri fl-ispettru tal-maturitajiet u l-kapaċitajiet baġitarji, jenħtieġ li l-maturità medja massima tal-finanzjament fuq terminu twil mal-ħruġ tiġi stabbilita għal 17-il sena. Il-massimu ta' 17-il sena jirrifletti xenarju konservattiv biżżejjed li fih diversi bonds ta' referenza tal-UE jiġu mnedija u sfruttati fuq maturitajiet ta' terminu itwal, biex jinħareġ il-massimu ta' EUR 170 biljun, li jieħu EUR 20 biljun bħala ammont pendenti massimu.

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 il-Kummissjoni għandha timplimenta l-operazzjonijiet ta' teħid b'self fil-limiti li ġejjin:
 - (a) finanzjament fuq terminu twil, sa ammont massimu ta' EUR 170 biljun, li minnhom ammont ta' EUR 18-il biljun għandu jiġi sospiż temporanjament;
Mad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar faċilità ta' self konkluż mal-Ukrajna skont ir-Regolament (UE) 2022/2463, is-sospensjoni għandha titneħħa għal ammonti li jikkorrispondu għall-finanzjament ta' dak il-ftehim ta' self; u;
 - (b) finanzjament fuq terminu qasir, sa ammont pendenti massimu ta' EUR 60 biljun.
2. L-ammont massimu għal kull ħruġ ta' finanzjament fuq terminu twil huwa ffissat għal EUR 20 biljun.
3. Il-maturità medja massima ta' finanzjament fuq terminu twil hija stabbilita għal 17-il sena.
4. L-ammont massimu pendenti ta' ħruġ proprju li jista' jinżamm f'isimhom stess u jista' jintuża għal tranżazzjonijiet tas-suq monetarju garantiti u/jew biex jappoġġa s-suq sekondarju fil-bonds tal-UE għandu jkun zero fl-2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2022) 9700.

Magħmul fi Brussell, 19.12.2022

Għall-Kummissjoni
Johannes HAHN
Membri tal-Kummissjoni